**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 19 ta' Novembru 2021.**

**<u>Rikors nru: 435/2021 AGV ;</u>**

**AB**

**vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 24 ta' Settembru 2021 fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat;**

1. Illi l-partijiet zzewwgu fil- 21 ta' Gunju 2013, fil-Knisja Parrokkjali tal-Madonna tal-Karmnu, Fgura, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg bin-numru progressiv: 1736/2013, hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;
2. Illi minn daz-zwieg twieldu zewgt ulied, D li twiedlet fid- 9 ta' April 2015, u E li twieled fit- 28 ta' April 2018;
3. Illi l-partijiet ilhom legalment seperati mimn xulxin, ghal aktar minn sena, Di fatt huma legalment separati b' kuntratt redatt min-Nutar Dr. Matthew

Agius, nhar it- 23 ta' Ottubru 2020, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa, mmarkata Dok B;

4. Illi ma hemm l-ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom state li minbarra li ilhom ferm aktar minn sena ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separate minn xulxin.
5. Illi l-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghall-hlas ta' manteniment minghand xulxin.
6. Illi ghalhekk il-partijiet ma ghandom l-ebda kwalsiasi pretensjoni fil-konfront ta' xulxin, inkluz ebda hlas ta' manteniment.
7. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina Onorabbli Qorti;

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti, iccelebrat fil- 21 ta' Gunju 2013, fil-Knisja Parrokkjali, tal-Fgura, huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom.
b. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u kif ukoll jaghmel id-debita korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg.

Bl-ispejjez kollha ikunu akkollati ugwalment bejn il-partijiet, u bl-ingunzjoni tal-konvenuta minn issa ghas-subizzjoni.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Gimgha 19 ta' Novembru 2021, deher l-intimat li ddikjara li ma ghandux oggezzjoni ghat-talba tad-divorzju u l-Qorti ghaddiet ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**